# Nhar l-Ewwel Quddiesa ta' P. Linu

*fil-Kunvent tas-Sacro Cuor, tas-Sliema*

Maħbub u għażiż P. Linu,

F'dan il-jum ta' ferħ u ta' hena rajniek dieħel dal-għodu fid-Dar tal-Mulej, fost l-isbaħ ġmiel u dija, fost il-ferħ ta' dawk li tawk il-ħajja, ta' ħutek, niesek u ħbiebek, imgħaxxqin imdawwrin miegħek; rajniek, iva, dieħel kollok imxiegħel fit-talb, sabiex tqaddes l-ewwel darba; rajniek tiela' l-altar tal-fidwa sabiex f'idejk tniżżel lil Ġesù mis-Sema, ħaj, ħlas tax-xewqat tiegħek.

Oh tabilħaqq jum mill-isbaħ għalik li żgur qatt ma jintesa, għax il-lum inti tgħannaqt ma' Ġesù, għax Hu rabtek biċċurkett ta' l-egħrusija. Jum sabiħ u, f'ħin wieħed, tal-għaġeb, għax, jekk Mosè wera għeġubijiet mill-ikbar fid-Deżert u fuq il-għolja ta' Ħoreb, jekk Ġożwè waqqaf ix-xemx għal 12-il siegħa u jekk Elija niżżel xita ta' nirien mis-Smewwiet, inti bil-wisq aqwa minnhom għax bi kliemek il-Ħobż u l-Inbid tbiddlu f'bidla li ħadd ma jifhem u saru Bniedem-Alla ħaj li jgħix magħna. Il-lum is-Smewwiet infetħu beraħ, u qtajja' ta' Anġli bdew neżlin u telgħin iduru miegħek, ferħanin bik, igħannulek il-għanja tal-ħajr u tal-foħrija, il-għaliex inti sirt ukoll il-ħabbieb tal-bnedmin m'Alla, pleġġ għażiż ta' l-insara li tagħhom trid ittaffi d-dwejjaq u l-imrar, u b'talbek tħenni u tfarraġ liż-żgħar u lill-kbar. Inti sirt il-Qaddej tas-setgħa tal-Mulej, tħabbar ma' kullimkien il-paċi u l-maħfra tagħti fil-ħtijiet lil ħafna qlub iebsin u kefrin li inti tbiddel fi ħrief l-iktar ġwedin, li fi ħdanek jersqu u jsibu l-faraġ, il-balzmu li jfewwaħ u jdewwi l-mard.

Ah, iva, Alla reħa f'idejk l-imfietaħ tal-Ġenna u ħatrek għassies tal-għejjun ta' ġidu kollu sabiex tiżra', issaqqi u d-dawwal kullimkien, bl-ogħla ħeġġa, is-sebħ u l-kobor tiegħu, u trażżan il-qerq waħxi li jdallam u jmewwet u lura treġġa' fi ħdanu lil ħafna niedma u sogħbenin, u, jekk xi wlied ta' Satan jibqgħu għomjin u torox għal kliemek, kun qalbieni, u qabel ma tarahom mirbuħin mis-sejf tiegħek la tarġax lura għax Kristu jkun miegħek u jgħinek fir-rebħa.

Is-sliem għalik, is-sliem għalik, mela, ja ġdid Qaddej tal-Mulej, bieb is-sema, ġieħ tal-Knisja, biża' ta' l-Infern, għaxqa ta' pajjiżek u tagħna li, bl-akbar għożża, rabbejniek u għallimniek sabiex, ġwejjed f'għamilek, kbir f'għerfek, naraw il-ġmiel tiegħek jiddi ma'kullimkien, u sewwasew bħal dik il-kewkba tal-għaġeb li dehret f'wiċċ is-sema min-naħa tal-Lvant u mexxiet fid-dritt lis-Slaten sa fuq il-maxtura ta' Betlehem, hekk ukoll inti kewkba oħra tmexxi fis-sewwa lill-erwieħ li l-Mulej jerħi

f'idejk, sabiex twassalhom sax-xtajta kennija fejn, meħlusin mill-mewġ qawwi tal-baħar, jiltaqgħu ma' l-Għarus tagħhom li jgħannaqhom u jagħtihom il-bewsa.

Ifraħ, immela, ifraħ ja ġdid Qaddej ta' Jehovah, ifrah u bil-ferħa ilqa' f'dan l-isbaħ jum ta' ħajtek, ix-xewqat safjin tiegħi, u għix dejjem ferħan u hieni. Biss nitolbok, jekk imħabba ibnija tqanqallek qalbek, sabiex ma tinsiex f'talbek lil min ħa ħsiebek u għallmek, u

meta tkun fuq l-altar tqaddes, deh iftakar fija,
u ma' l-erwieħ li għalihom titlob, itlob itlob ukoll għalija.

P. Pawl Tabone o.f.m.